MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 101/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Pasqualino Cefai**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Pasqualino Cefai fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli:

(1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, nhar-il Erbgha 13 ta’ Frar 2008 ghall-habta ta’ l-10.00 p.m. waqt spezzjoni li saret mill-ispetturi tad-Dipartiment flimkien ma’ ufficjali tad-dwana u l-pulizija rrizulta li ma kienx jippossjedi

dokumentazzjoni kif rikjesta skond l-artikolu 52(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

(2) fl-istess hin u cirkostanzi rrifjuta li jaghti lill-ispetturi l-fatturi li kellu fil-pusess tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 48(5) u l-artikolu 81 ta' l-Att XXIII ta' l-1998;

(3) fl-istess hin u cirkostanzi fixkel, tellef, xekkel jew ghamel xi haga bil-hsieb li jfixkel, itellef jew ixekkel u/jew idejjaq l-ispetturi billi b'rabja u b'vuci gholja uza dagha u kliem abbuziv fil-konfront ta' l-ispetturi, u dan bi ksur ta' l-artikolu 79 ta' l-Att XXIII ta' l-1998;

(4) nhar-il Hamis 14 ta' Frar 2008 waqt spezzjoni li giet esegwita principalment mill-istess persuni, irrizulta li kien sprovvist minn dokumentazzjoni, liema dokumentazzjoni kellha tikkontjeni l-informazzjoni tal-merkanzija mghobbija u l-partikolaritajiet tal-persuni li ghalihom ingabu t-tali konsenji, u dan bi ksur ta' l-artikolu 77(e) ta' l-Att XXIII ta' l-1998;

(5) kiseb pussess u/jew kellu x'jaqsam ma' xi prodotti jew accetta provvisti meta kellu ghaliex jahseb li t-taxxa fuq il-provvisti ta' dawk l-oggetti setghet tigi skartata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 77(m) ta' l-Att XXIII ta' l-1998;

(6) ma ppermettiex lill-ispetturi u/jew l-ufficjali tad-Dwana milli jispezzjonaw il-merkanzija li kellu fil-kabina tat-trakk numru JOS-099, u dan bi ksur ta' l-artikoli 53 u 81 ta' l-imsemmi Att;

(7) fl-istess hin u cirkostanzi hedded u pogga hajjet l-ispetturi f'perikolu waqt it-twettiq tal-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 79 ta' l-imsemmi Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikoli 48(5), 52(2), 53, 77(e), 77(m), 79 u 81 tal-Kap. 406 tal-Ligijet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Pasqualino Cefai hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-ewwel imputazzjoni multa ta' seba' mitt

euro (€700), ghat-tieni imputazzjoni multa ta’ mitejn u hamsa u tletin euro (€235), ghat-tielet imputazzjoni multa ta’ erba’ mija u sebghin euro (€470), ghar-raba’ imputazzjoni multa ta’ seba’ mitt euro (€700), ghall-hames imputazzjoni multa ta’ seba’ mitt euro (€700), ghas-sitt imputazzjoni multa ta’ mitejn hamsa u tletin euro (€235) u ghas-seba’ imputazzjoni multa ta’ hames mitt euro (€500);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Pasqualino Cefai pprezentat fl-14 ta’ April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u htija u, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah mit-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet u tapplika ghall-ewwel imputazzjoni l-piena ta’ mitejn u tnejn u tletin euro (€232);
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta jirrizulta illi huwa kellu d-dokumentazzjoni rikjesta dwar l-importazzjoni ta’ l-oggetti kif indikat fil-Kap. 405 tal-Ligijiet ta’ Malta, u aktar meta huwa qatt ma rrifjuta li juri d-dokumentazzjoni lill-ispetturi tal-VAT; (2) li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazina ghax il-fatt li huwa seta’ qal kliem bhal dagha u kliem iehor abbuziv ma jikkwalifikax bhala li b’hekk “fixkel, tellef, xekkel, ecc.” Skond l-artikolu 79 tal-Kap. 406; (3) li r-raba’ imputazzjoni ma tirrizultax peress illi meta saret l-ispezzjoni fl-14 ta’ Frar 2008, u kif jirrizulta mir-rapport ta’ Eanuel Azzopardi, huwa tahom id-dokumenti ghal ftit hin biex jiehdu d-detalji izda mhux biex jiffotokopjawhom; (4) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tad-dritt dwar il-hames imputazzjoni meta minn imkien ma jirrizulta illi huwa kellu fil-pussess tieghu prodotti bi ksur ta’ l-artikolu 77(m) tal-Kap. 406; (5) li l-ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament

hazin tal-fatti u tad-dritt dwar is-sitt imputazzjoni peress li l-oggetti kollha li kellu l-appellant gew spezzjonati fil-fond fejn tpogga t-trailer kif jirrizulta mid-Dok. JD2; (6) li anke dwar is-seba' imputazzjoni l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tad-dritt meta huwa kien diga` gie akkuzat taht l-istess artikolu 79 tal-Kap. 406; (7) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-pieni huma esagerati meta l-ewwel Qorti kellha tapplika l-piena ndikata fl-artikolu 81 tal-Kap. 406 bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 stante konkors tal-pieni.

L-ewwel tliet imputazzjonijet jirreferu ghat-13 ta' Frar 2008 meta l-appellant wasal Malta minn Sqallija bi trailer mimli oggetti li kien xtara minn hemm. L-imputazzjonijiet l-ohra jirreferu ghall-ghada meta nhatt it-trailer fil-presenza ta' l-ispetturi tal-VAT. Ghalhekk sejrin jigu kkunsidrati fl-ewwel lok l-ewwel tliet imputazzjonijiet.

Mill-provi jirrizulta li l-appellant wasal Malta minn Sqallija fit-13 ta' Frar 2008 permezz tal-katamaran u kellu *trailer* mghobbi oggetti ghas-suq lokali, principalment detersivi. Gie mitlub minn spetturi tal-VAT id-dokumentazzjoni relatata ma' dan il-karigu. Ghall-bidu huwa rrifjuta li jtihom id-dokumenti ghax, skond hu, kien hemm il-kompetituri tieghu prezenti u ma riedx li jsiru jafu l-prezzijiet li bihom kien akkwista l-oggetti li huwa kien importa. Aktar tard pero` tahomlhom sabiex ikunu jistghu jiehdu d-dettalji mehtiega minn fuqhom – bhad-data u n-numru ta' l-*invoice* – izda rrifjuta li jhallihom f'idejhom anke kontra debita ricevuta. Fotokopja ma setghetx tittiehed peress illi ma kienx hemm *photocopier* fejn setghu jaghmlu kopji.

Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li fit-13 ta' Frar 2008 ma kellux id-dokumentazzjoni relattiva. Pero` mix-xhieda li semghet din il-Qorti jirrizulta li huwa kellu dokumentazzjoni u li ma riedx biss ihalli l-originali f'idejn l-ispetturi tal-VAT. Issa John Depasquale Schranz xehed li d-dokument rawh meta hadu t-*trailer* il-Marsa u "deher li mhux originali u deher li huwa kopja mnizzla minn, kif nifhem jien, kompjuter ghax il-karta ma kinitx mimlija kollha, izghar minn karta kienet". Mill-banda l-ohra

Joseph Dimech xehed illi d-dokumenti li ra meta kienu l-Marsa “[g]halija kienu l-originali iva.” Din il-Qorti ma tistax tikkonferma l-htija dwar l-ewwel imputazzjoni meta zewg xhieda tal-prosekuzzjoni qeghdin jikkontradicu lilhom infushom b’dan il-mod. Ghalhekk l-appellant sejjer jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellant gie mixli bi ksur tas-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 48 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-artikolu 48 pero` jirreferi ghad-dokumentazzjoni li persuna registrata hi obbligata li zzomm u tahzen ghal zmien ta’ mill-anqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x’jaqsmu maghha u li l-Kummissarju tal-VAT jista’ jitlob permezz ta’ avviz bil-miktub tul dak il-perijodu. Ghas-sitwazzjoni bhal dak odjern fejn l-appellant kien qieghed igorr “oggetti fil-kors ta’ xi attività ekonomika” japplika l-artikolu 52. Is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 52 fil-fatt jipprovdi, inter alia: “Fil-kors ta’ xi spezzjoni tal-mezz li jkun qed igorr l-oggetti, kopja tad-dokumenti msemmija ghandha tinghata, meta tintalab, lill-Kummissarju jew lil xi ufficjal iehor awtorizzat mill-Kummissarju. Persuna li ma tipprovdix id-dokumenti kif mitluba taghmel skond id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu jew li l-oggetti li jkollha jinstab li ma jkunux jaqblu mad-dokument imsemmi, tkun hatja ta’ reat kontra dan l-Att.” Peress illi l-appellant gie akkuzat specifikatament taht l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 u mhux taht l-artikolu 52(2), ma setax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

Bit-tielet imputazzjoni l-appellant qieghed jigi akkuzat bi ksur tal-paragrafu (a) ta’ l-artikolu 79 tal-Kap. 406. Dan jipprovdi li hija hatja ta’ reat kull persuna li “tfixkel, ittellef, ixxekkel jew taghmel xi haga bil-hsieb li tfixkel, ittellef jew ixxekkel, jew iddejjaq jew tattakka lill-Kummissarju jew lil xi persuna li tkun qed twettaq kif imiss xi setgha jew dmir lilha moghti jew impost fuqha b’dan l-Att jew bis-sahha tieghu.” Hemm diversi modi kif persuna tista’ “tfixkel, ittellef, ecc.” Skond l-imputazzjoni, l-appellant ghamel hekk billi “b’rabja u b’vuci gholja uza dagha u kliem abbuziv fil-konfront ta’ l-ispetturi tal-VAT”. Fil-fehma ta’ din

il-Qorti, din l-imputazzjoni giet abbondantement pruvata mill-prosekuzzjoni.

Fl-14 ta’ Frar 2008 it-*trailer* ittiehed lejn Hal-Qormi biex jinhatt gewwa garaxx. Kien hemm prezenti diversi spetturi tal-VAT.

Permezz tar-raba’ imputazzjoni l-appellant gie mixli bi ksur tal-paragrafu (e) ta’ l-artikolu 77 tal-Kap. 406 li jipprovdi li hija hatja ta’ reat kull persuna li “tonqos milli taghti jew tipproduci fattura ta’ taxxa jew fattura ohra jew dokument kif u meta mehtieg bl-artikolu 50, 51 jew 52 jew taghti fattura ta’ taxxa jew fattura ohra jew dokument li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f’xi rigward materjali.” Jidher li fl-14 ta’ Frar 2008 l-appellant rega’ rrifjuta li jaghti f’idejn l-ispetturi fattura bil-prezzijiet u tahom kopja li l-ispetturi tal-VAT qiesu illeggibbli.

Din il-Qorti tibda biex tghid li l-ispetturi tal-VAT kellhom kull dritt jaraw id-dokumenti originali. Fl-14 ta’ Frar l-appellant ma kellux l-iskuza li kien hemm il-kompetituri tieghu. Ciononostante huwa pproduca *invoice*, ossia kopja ta’ *invoice* – ara partikolarment Dok. CB1 a fol. 21 – li verament wiehed irid jitpecpec biex jarah izda li jista’ jigi b’xi mod decifrat b’paragun anke ma’ l-oggetti li nhargu mit-*trailer*. L-ispetturi tal-VAT ghaddew l-oggetti kollha li nhargu mir-*trailer* u ghamlu l-elenku taghhom – ara fol. 15 u 16 – izda ma jidhirx li ppruvaw jaghmlu ezercizzju biex jipparagunaw dawn l-oggetti li nhattu ma’ dak li hemm fl-*invoice*. Issa dan l-*invoice* huwa ghal detersivi u karta igjenika u effettivament hekk kien hemm fit-*trailer*. Pero` skond l-elenku a fol. 15 u 16 kien hemm ukoll 756 kontenitur *ice tea* San Benedetto. Dwar dawn l-appellant ma pproduca l-ebda fattura. Ghalhekk, in kwantu l-imputazzjoni tista’ tirreferi ghall-*ice tea* u li ma jirrizultax indikat fid-dokument CB1, ir-raba’ imputazzjoni tirrizulta.

Kwantu ghall-hames imputazzjoni, din ma tirrizultax peress illi ma ngabet ebda prova li kien hemm taxxa fuq xi oggetti li kienet giet jew setghet tigi skartata. Ghalhekk l-appellant ma kellux jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni.

Permezz tas-sitt imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li ma ppermettiex lill-ispetturi u/jew l-ufficjali tad-dwana milli jispezzjonaw il-merkanzija fil-kabina tat-trakk numru JOS-099, dan b'referenza ghaz-ziemel tat-*trailer* ga` msemmi. Mix-xiehda ta' Chris Bugeja, Roderick Vella u P.S. 785 Andre` Cassar din l-imputazzjoni tirrizulta fil-konfront ta' l-ispetturi tal-VAT. L-appellant ma kellux ghalfejn joggezzjona semplicement ghax l-oggetti li kellu fil-kabina kienu rigali moghtijin lilu biex jinghataw lill-klijenti. Din l-imputazzjoni pero` ghandha titqies assorbita fis-seba' imputazzjoni. Fil-fatt l-artikolu 53 jirreferi ghas-setghat li ghandu l-Kummissarju tal-VAT filwaqt illi huwa l-artikolu 79 li jaghmel reat it-tfixkil tal-Kummissarju jew persuna li tkun qed twettaq xi setgha moghti lilha b'din il-ligi

Is-seba' imputazzjoni hi fil-fatt marbuta ma' dak li gara meta l-ispetturi tal-VAT riedu jispezzjonaw il-kabina ghax f'dan il-waqt, kif jirrizulta mix-xiehda ta' Chris Bugeja u Roderick Vella hedded lill-ispetturi tal-VAT li jghaddi minn fuqhom bil-*forklifter*. Jigifieri hawn mill-gdid l-appellant rega' kkommetta r-reat kontemplat fl-artikolu 79(a) tal-Kap. 406 fl-14 ta' Frar 2008.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni kemm il-fatt li sejjer jigi dikjarat mhux hati ta' uhud mill-imputazzjonijiet kif ukoll sejra tapplika l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li persuna **"misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghla jew ta' l-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra."**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Pasqualino Cefai hati ta' l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tiddikjara s-sitt imputazzjoni assorbita fis-seba' imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-ewwel imputazzjoni multa ta' seba' mitt euro (€700),

ghat-tieni imputazzjoni multa ta’ mitejn u hamsa u tletin euro (€235), ghat-tielet imputazzjoni multa ta’ erba’ mija u sebghin euro (€470), ghar-raba’ imputazzjoni multa ta’ seba’ mitt euro (€700), ghall-hames imputazzjoni multa ta’ seba’ mitt euro (€700), ghas-sitt imputazzjoni multa ta’ mitejn hamsa u tletin euro (€235) u ghas-seba’ imputazzjoni multa ta’ hames mitt euro (€500) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf mija u hamsa u tmenin euro (€1,185).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------